MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 378/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gaetano Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Settembru, 2008, naqas li jaghti s-somma ta’ €512.46 kull erba’ gimghat bhala manteniment ghaliha w ghal uliedhom, ghall-perjodu tas-6 t’Awissu w is-6 ta’ Settembru, 2008, u dan skond digriet numru 1852/06 mahrug mill-Imhallef Noel Cuschieri Ll.D (Qorti Sezzjoni tal-Familja).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant illiberatu bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar, ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ordnat il-hlas ta' mitejn u ghaxar Euro (€210) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar, tannulla w tikkancella s-sentenza appellata billi u ghar-ragunijiet suesposti tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-
1. illi din il-kawza bdiet minn rapport li mart l-appellant marret taghmel l-ghassa tal-Pulizija fejn allegat li zewgha, l-appellant, ma ottemporax ruhu mad-digriet li l-Qorti tal-Familja kienet ordnatlu ihallas lilha w lil uliedhom manteniment ta' LM220 (€512.46). Illi mart l-appellant Martha Micallef kienet taf illi dak id-digriet li kienet ghamlet referenza ghalih kien gie parzjalment sospiz nhar l-4 ta' Lulju, 2008 permezz ta' digriet ta' l-Imhallef Joseph Azzopardi, ghalhekk setghet biss titlob manteniment ghal uliedha w cioe' ta' LM150 (€349.65). Ghalhekk l-akkuza kif dedotta ma setghet qatt tissussisti w l-appellant kellu jkun liberat minn kull htija billi l-akkuza kienet giet artikolata hazin u fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma ntalbet l-ebda korrezzjoni. Billi d-digriet li fuqu giet ibbazata l-kwerela kien sospiz, l-akkuza harget hazin billi ntalab manteniment kollu kemm hu ghaliha w ghal uliedha meta l-manteniment ghall-kwerelanta kien sospiz. Dan irrizulta mill-provi li ngabu mill-kwerelanta nnifisha;
2. illi l-kwerelanta xehdet b'mod skjett illi l-appellant kien hallasha l-manteniment ghal uliedha dejjem u qatt ma falla. Ammettiet illi l-appellant kien hallasha l-

manteniment dovut lil uliedha wara li kien gie sospiz id-digriet sakemm dak id-digriet gie sostitwit bid-digriet li stabilixxa manteniment ta' €250 fix-xahar. Illi l-hlas tal-manteniment isir billi l-flus li l-appellant jircievi mis-sigurta' socjali ghad-dizimpjieg tieghu jinqasmu billi l-kwerelanta tiehu dak li kien ekwivalenti ghal LM126 jew ahjar €293.17 u l-appellant jiehu l-kumplament, dan isehh billi ghadhom jghixu taht saqaf wiehed. Fiz-zmien meta d-digriet kien sospiz, il-kwerelanta kienet tircievi in liena ta' manteniment is-somma ta' LM126 mill-flus li l-appellant jiehu bhala ghajnuna tas-sigurta' socjali, kien izidha d-differenza w cioe' LM25 sabiex kien jghaqqad il-LM150 manteniment tat-tfal. Il-kwerelanta ammettiet dan kollu u kwindi ammettiet li l-parti operattiva tad-digriet kienet qed tkun obduta mill-appellant in toto;

3. illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati ta' l-akkuza kif dedotta, ghaliex apparti li l-akkuza kienet hazina, ma kien dovut l-ebda manteniment kif ammettiet il-kwerelanta stess u ghalhekk l-appellant ma hasx il-bzonn li jaghti x-xhieda tieghu billi saret ammissjoni mill-kwerelanta stess li l-manteniment li kellu jithallas mill-appellant kien fil-fatt thallas. Dan apparti l-fatt li fix-xhieda taghha l-kwerelanta ma ghamlitx referenza specifika ghaz-zmien imsemmi fil-komparixxi imma kienet generika billi qalet li kienet tithallas il-manteniment tat-tfal minn meta kien hemm sospensjoni tad-digriet u cioe' mill-4 ta' Lulju, 2008;

4. illi l-appellant jirrileva w japprezza l-klemenza ta' l-Ewwel Qorti li ma mponietx l-ebda piena pekunjarja jew sahansitra dik karcerarja, pero' kif l-Ewwel Qorti ordnatlu jhallas is-somma ta' € 210 fi zmien xahar meta mix-xhieda hareg li ma kien dovut l-ebda manteniment. Li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda motivazzjoni tas-somma li ordnatlu jhallas u l-appellant ghadu ma jafx kif l-Ewwel Qorti waslet ghal dik is-somma;

5. illi l-kwerelanta wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, qeghda xorta tmur taghmel rapport fil-konfront ta' l-appellant li mhux ihallasha manteniment, meta fil-fatt dan jithallas u anzi bhalissa qed jithallas iktar milli ordnat il-Qorti, ghaliex qed tistenna li kull darba li taghmel rapport tircievi xi soma bonus kif gara fil-kaz odjern u jekk l-appellant ma jhallasx tkun tista' tibghatu l-habs halli tkun

tista' sa fl-ahhar, wara hafna tentattivi, tizgumbrah mid-dar matrimonjali li hija parafernali tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' Martha Micallef kif ukoll ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Illi rrizulta kemm mix-xhieda ta' mart l-appellant kif ukoll mix-xhieda ta' Ivan Cilia li bhal issa l-konjugi Micallef li jghixu fl-istess dar imma huma separati *de facto*, qed jircievu assistenza socjali fl-ammont ta' €49.28 kull wiehed fil-gimgha plus bonus ta' €1.56 kull wiehed u wahda minnhom fil-gimgha w di piu' Martha Micallef qed tircievi allowance ghat-tfal.

Illi wkoll mit-taghrif li hadet minn Dr. Cutajar, Avukat tal-parte civile, jidher li ghall-perjodu in kwistjoni, l-appellant mill-beneficcju socjali li qed jircievi, qieghed jittoppja l-ammont li qed jiehdu t-tfal billi jhallas id-differenza.

Illi jidher manifest illi mill-ammont ta' cirka €200 li qed jircievi l-appellant fix-xahar zgur li ma jistax ihallas il-manteniment ta' LM150 ekwivalenti ghal €349.65 fix-xahar ghax lanqas ma jircievi daqshekk beneficcju socjali, ahseb u ara kemm jista' jhallsu ghall-manteniment tat-tfal.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant illi huwa mhux qieghed f'posizzjoni li jhallas il-manteniment ordnat lilu mill-Qorti jidher ben fondat ghaliex *nemo ad impossibilia tenetur.*

Konsegwentement tara li l-appell tieghu ghandu jigi milqugh u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------